32002D0969

L 335/17 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ 12.12.2002

# ID-DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL
## tas-26 ta' Novembru 2002
## dwar il-konklużjoni ta' Protokoll Addizzjonali, li jistabbilixxi l-arranġamenti tal-kummerċ ta' ħut u prodotti ta' ħut u sajd, għall-Ftehim Ewropew jistabbilixxi assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u L-Istati Membri tagħhom, fuq naħa waħda, u r-Repubblika tal-Bulgarija, fuq in-naħa l-oħra

(2002/969/KE)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi il-Komunitajiet Ewropej, u b'mod partikolari l-Artikolu 133 flimkien ma' l-ewwel sentenza ta' l-ewwel l-Artikolu 300(2), tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni,

billi:

(1) Huwa mixtieq li permezz tal-Protokoll Addizzjonali jitkompla l-Ftehim Ewropew li jistabbilixxi assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri, fuq naħa waħda, u r-Repubblika tal-Bulgarija, fuq in-naħa l-oħra ([1]), biex b'hekk tipprovdi għall-kondizzjonijiet preferenzali għall-importazzjoni ta' ħut u prodotti oħra ta' ħut u sajd li joriġinaw fir-Repubblika tal-Bulgarija u fil-Komunità nnifisha għall-importazzjoni fil-Komunità.

(2) Għaldaqstant Protokoll ġdid li jistabbilixxi l-arranġamenti tal-kummerċ ta' ħut u prodotti ta' ħut u sajd għandu jiżdied ma' l-istess Ftehim Ewropew.

(3) Il-Protokoll għandu jkun approvat.

IDDEĊIEDA DAN LI ĠEJ:

*Artikolu 1*

Il-Protokoll Addizzjonali li jistabbilixxi l-arranġamenti tal-Kummerċ ta' ħut u ta' prodotti ta' ħut u sajd għall-Ftehim Ewropew li jistabbilixxi assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, fuq naħa waħda u r-Repubblika tal-Bulgarija, fuq in-naħa l-oħra, huwa permezz ta' dan approvat f'isem il-Komunità.

It-test tal-Protokoll huwa mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

Il-President tal-Kunsill huwa awtorizzat li jinnomina l-persuna bis-setgħa li tiffirma l-Protokoll li jorbot lill-Komunità.

Magħmula fi Brussel, fis-26 ta' Novembru 2002.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

B. BENDTSEN

---

([1]) ĠU L 358, tal-31.12.1994, p. 3